MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2001

Citazzjoni Numru. 1643/2000/1

**L-Avukat Dottor Hugh PERALTA fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali tas-Socjeta' Svizzera GARDANELLA S.A.**

**vs**

**CREDINVEST INTERNATIONAL CORPORATE FINANCE LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni pprezentat fl-4 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta:

Illi in forza ta' kuntratt milhuq bejn Credinvest International Corporate Finance Limited u Gardanella S.A. nhar id-9 ta' Lulju 1998 (fotokopja tieghu hawn annessa u markata bhala dokument ittra "A") Gardanella S.A. ikkummisjonat lill-Credinvest International Corporate Finance Limited sabiex issibilha persuna jew istituzzjoni finanzjarja fis-suq finanzjarju internazzjonali li jkun jista jestendilha kreditu ta' hdax-il miljun u hames mitt elf Frank Svizzeru (CHF 11.500.000) u dan taht diversi kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha inter alia illi fi zmien approssimattiv ta' bejn tletin (30) u hamsa u erbghin (45) gurnata hija kellha tissottometti lill-Gardanella S.A. sa' tlett offerti ta' finanzjament b'rata ta' imghax li ma kellux jaqbez il-1.5% 'l fuq mil-LIBOR fis-sena;

Illi Gardanella S.A. obligat ruhha li thallas kontribuzzjoni ghall-ispejjez ("cost contribution") fl-ammont ta' hmistax-il elf dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tmien mija u tmintax-il liri maltin (Lm6818) bil-kundizzjoni illi l-istess depozitu jigi rifuz kompletament f'kaz li s-socjeta konvenuta ma tkunx ottjeniet il-finanzjament skond il-kondizzjonijiet ta' l-istess kuntratt;

Illi Gardanella S.A. halset l-ammont ta' hmistax-il elf dollaru Amerikan ( US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tmien

mija u tmintax-il liri maltin (Lm6818) permezz ta’ zewg trasferimenti bankarji fil-kont tas-socjeta’ konvenuta cioe’ l-ewwel pagament ta’ hamest elef dollaru Amerikan (US$5000) nhar it-18 ta’ Lulju 1998 u l-iehor ta’ ghaxart elef dollaru Amerikan (US$10,000) nhar it-22 ta’ Lulju 1998 (kopji ta’ l-istess pagamenti hawn annessi u markati bhala dokumenti ittri “B” u “C” rispettivament;

Illi nhar it-22 ta’ Settembru 1998, cioe’ hamsa u sebghin (75) gurnata wara d-data ta’ l-istess kuntratt, is-socjeta’ konvenuta permezz ta’ fax (fotokopja taghha hawn annessa u markata bhala dokument ittra “D”) talbet lill-Gardanella S.A. estensjoni taz-zmien ta’ gimghatejn allegatament sabiex tottjeni risposta minghand Bank ismu mhux maghruf;

Illi wara li ghaddew tali gimghatejn is-socjeta’ konvenuta baqghet ma tatx twegiba;

Illi fit-22 t’Ottubru 1998 Gardanella S.A. wara talba li saritilha ghal dan il-ghan accettat illi taghti estensjoni ohra ta’ zmien ta’ tlett gimghat sabiex fihom is-socjeta’ konvenuta tkun tista taghmel l-arrangamenti mehtiega ghall-finanzjament;

Illi minkejja tali estensjoni ohra taz-zmien is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti u ebda finanzjament ma gie offrut lill-Gardanella S.A.;

Illi wara tant dewmien inutli minghajr ebda rizultat, permezz ta’ fax datata 16 ta’ Novembru 1998 (fotokopja taghha hawn annessa u markata bhala dokument ittra “E”), cioe’ wara li kienet skadiet it-tieni estensjoni taz-zmien ta’ tlett gimghat koncessi minn Gardanella S.A. l-istess socjeta’ talbet ir-ritorn lura tal-kontribuzzjoni ta’ hmistax-il elf dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tmien mija u tmintax-il liri maltin (Lm6818) minnha imhallsin kif inghad aktar ‘il fuq u dan ai termini ta’ l-istess kuntratt milhuq bejn il-partijiet;

Illi s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti minkejja diversi talbiet li sarulha mis-socjeta’ Gardanella S.A. ghar-ritorn ta’ l-istess ammont minnha mhallas;

Ghalhekk l-attur *nomine* talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali taghha fil-konfront ta’ l-attur nomine stante illi m’ottemperatx ruhha ma’ l-obbligi minnha assunti fiz-zmien pattwit bejn il-partijiet u ghalhekk li l-kuntratt ta’ bejn il-partijiet ma ghadux aktar fis-sehh ai termini tal-ligi;

2. Tiddikjara illi minhabba tali inadempiment da parti tas-socjeta' konvenuta, l-attur nomine huwa intitolat li jigi rifuz lilu s-somma ta' hmistax-il elf dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tmien mija u tmintax-il liri maltin (Lm6818) gia mhallas minnu u dan salv kull dritt iehor lilu spettanti ghad-danni li sofra; u

3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tirrestitwixxi u thallas lura lill-attur nomine s-somma ta' hmistax-il elf dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tmien mija u tmintax-il liri maltin (Lm6818) imhallsa mill-attur nomine kif inghad aktar 'il fuq;

Bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kollha kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa, l-lista tax-xiehda tieghu u l-hames (5) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tas-16 t'Awissu, 2000, li bih appuntat is-smiegh tal-kawza ghat-8 ta' Novembru, 2000;

Rat li s-socjeta' konvenuta, notifikata fit-22 ta' Settembru, 2000, bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh, ma ressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien moghti lilha mil-ligi dwar it-talbiet tal-attur *nomine* u ghalhekk waqghet kontumaci;

Rat ir-Rikors tas-Socjeta' konvenuta tat-8 ta' Novembru, 2000 (pagna 20-21 tal-process) li bih talbet lil din il-Qorti taghtiha l-jedd li tikkontesta l-kawza;

Rat it-twegiba tal-attur nomine tat-23 ta' Novembru, 2000 (pagni 26 sa 28 tal-process) li biha oppona ghat-talba tas-Socjeta' konvenuta;

Rat in-Nota tal-20 ta' Novembru, 2000 (pagna 22 sa 23 tal-process) u dik tal-24 ta' Novembru, 2000 (pagni 31 sa 33) tas-Socjeta' konvenuta kontenenti x-xhieda mahlufa ta' Marika Fenech u Alain Mangion;

Semghet ix-xiehda bil-gurament tas-Socjeta' konvenuta, inkluza dik ta' Alain Mangion;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju;

Rat id-Degriet taghha tad-29 ta' Novembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tas-Socjeta' konvenuta li tnehhi l-kontumacja taghha;

***Ikkunsidrat:***

Illi, qabel xejn irid jinghad li, dwar dan l-episodju, din il-kawza qeghda tigi trattata ma' ohra bejn l-istess partijiet u li qeghda tinstema' minn din il-Qorti [Citazz. Nru. 1644/00JRM] fejn ukoll ix xhieda mismugha fl-udjenza f'dik il-kawza ghandha titqies li tapplika ghal din ukoll;

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugha minn din il-Qorti f'isem is-Socjeta' mharrka, ir-raguni ewlenija li minhabba fiha qiegħed jigi mfisser ghaliex ma ppresentatx in-Nota tal-Eccezzjonijiet taghha fiz-zmien moghti mil-ligi, tikkonsisti filli, matul iz-zmien utli, il-persuni li kellhom il-jedd li jiehdu hsieb l-atti gudizzjarji tal-istess kumpanija ma ltaqghux jew kienu msefrin, b'dan illi meta intebhu li kien hemm dawk l-atti kien diga' ghalaq iz-zmien;

Illi wara li tressaq dak ir-rikors, jidher li s-Socjeta' imharrka dahhlet dubju wkoll dwar <u>il-validita' tan-notifika</u> tal-atti gudizzjarji nfushom. Dan johrog car kemm mill-kontenut tal-Affidavit ta' Alain Mangion, ir-rappresentant legali tal-

kumpanija, u wkoll mill-bixra tas-sottomissjonijiet maghmula mill-avukati tal-partijiet;

Il-Qorti tqis li huwa logiku daqskemm evidenti li, jekk kemm-il darba wiehed jitkellem fuq validita' ta' notifika, allura ma jibqax izjed il-kaz li jitkellem ukoll dwar jedd li jnehhi l-kontumacja, ghaliex notifika invalida ma taghti qatt bidu ghaz-zmien li jimxi kontra l-persuna li, essenzjalment, ma tkun giet notifikata qatt. Il-parti trid taghzel bejn il-wahda u l-ohra;

Illi, mill-provi (orali u dokumentali) li tressqu jirrisulta li, filwaqt li Alain u Claude Mangion huma l-azzjonisti tas-Socjeta' mharrka, huwa biss tal-ewwel li huwa direttur taghha. L-Avukat Tonio Fenech huwa Segretarju tal-istess kumpanija, u l-ufficju registrat huwa fin-numru hamsa u tmenin (85), Triq San Gwann, Valletta. L-atti gew imhollija fl-ufficju registrat fit-22 ta' Settembru, 2000, u z-zmien ta' ghoxrin jum kien jaghlaq fit-12 t'Ottubru. Mill-erbatax-il (14) jum tax-xoghol li kien hemm f'dak il-perjodu, Mangion kien imsiefer tul tmienja (8) minnhom, u meta ghalaq is- zmien kien ghadu msiefer. Meta waslu l-atti fl-ufficju registrat, is-segretarja personali tieghu kienet imsiefra wkoll sa sitt (6) ijiem wara n-notifika;

Illi fit-twegiba studjata u ezawrjenti tieghu, l-attur nomine jishaq fuq il-validita' tan-notifika tal-atti. Dak li jghid huwa, fil-parti l-kbira tieghu, kollu minnu. Dwar il-kwestjoni ta' jekk Mangion setax jew messux ha azzjoni dwar l-atti tal-kawza meta kemm hu u kemm Marika Fenech kienu t-tnejn Malta bejn is-7 t'Ottubru u l-10 t'Ottubru, l-attur jinsisti li Mangion m'ghandu l-ebda skuza li jressaq biex jiggustifika ghaliex ma hax passi f'dawk il-jiem;

Il-Qorti, dwar dan l-ahhar punt, tinnonta li dak il-perjodu jinkludi jiem mhux tax-xoghol;

Illi l-kwestjoni quddiem din il-Qorti skond ir-Rikors tas-Socjeta' mharrka, huwa dak li jirrigwarda l-kontumacja taghha u mhux il-validita' tan-notifika. Ghalhekk, b'zieda ma' dak li

kellha xi tghid din il-Qorti izjed ‘il fuq fid-decizjoni taghha, se tillimita ruhha ghall-konsiderazzjoni tat-talba kif imfassla fir-rikors, u mhux sejra tippronuncja dwar il-validita’ tan-notifika, li, ghalhekk, ghandha titqies bhala cirkostanza meghluba u mghoddija;

Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta’ drabi, il-kontumacja m’ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta’ dak li qieghed jintalab mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal- kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista’ jindahal fit-tressiq ta’ provi - bhala element ta’ disordni socjali [ara App. Civ. Joseph Vella pro et noe vs John Vella maqtugha fil-**21 ta’ Mejju, 1993**];

Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita’ tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b’mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista’ jammonta ghal htija, m’ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta’ li l-kontumacja titqies gustifikata [ara PASP Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul, maqtugha fl-**4 ta’ Lulju, 1991**];

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta’ konvenut hija gustifikata u thalli lil dik il-parti tressaq id-difiza taghha, ma tkun b’daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga’ f’postu l- ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forzi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-Citazzjoni, sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;

Illi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta’ drabi mfissra u elenkati. Il-principji huma li: (a) il kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarrafa f’impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b’mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-parti milli tressq id-difiza taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala *una necessita’ impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (h) li l-impossibilita’ li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss, wahda morali [ara per ezempju Appell Civili Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici maqtugha fit-**12 ta’ Dicembru, 1975**; u PAGV Joseph Naudi Montaldo nomine vs Emmanuel Xuereb maqtugha fis-**27 ta’ Frar, 1995**];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja ta’ tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b’din il-linja wkoll sa zminijiet ricenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-iehor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawza u li ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha [ara sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tad-**9 ta’ Dicembru, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Gloria Beacom vs Anthony u Spiteri Staines ( Kollez. Vol. **LXXVII.iii.195**)];

Illi, minn dak li rrisulta waqt is-smiegh tal-provi, il-Qorti ssib li ghalkemm ic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom is-Socjeta’ konvenuta ma kinux ta’ estremita’ tali li jitqiesu bhala xi forza straordinarja li ma setghetx tingheleb assolutament, kienu cirkostanzi li juru li n-nuqqas li hija tressaq l-eccezzjonijiet taghha fil-hin ma kienx att ta’ traskuragni. Jekk xi hadd jallega l-htija fil-kontumacja, irid jippruvaha jew ghallinqas juri li normalment l-imgiba tal-konvenut f’dawk ic-cirkostanzi hija wahda li tidher kolpuza. Il-Qorti ma ssib l-ebda hjiel ta’ dan fil-provi li ghandha quddiemha;

Minbarra dan, il-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa’ responsabbilita’ mhux zghira fuq il-gudikant li jgharbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tigi mizmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-tribunal li jkun;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-episodju presenti billi:

Ssib li hemm raguni tajba bizzejjed biex is-Socjeta’ konvenuta tithalla tikkontesta l-kawza billi tressaq l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet tal-attur skond il-ligi;

U taghti lill-istess Socjeta’ konvenuta zmien perentorju ta’ ghoxrin (20) jum millum biex taghmel dan.

L-ispejjez ta’ dan l-episodju jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------